# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 07ta' Frar, 2022

**Rik. Nru. 1011/2007ISB**

**DI Limited**

**vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti tal-proceduri kif migjuba quddiem din il-Qorti mill-Arkivju minn fejn jirrizulta illi fid-29 ta' Ottubru 2007, il-Prim Awla tal-Qorti Civili tat provvediment li bih is-socjeta` DI Limited tpoggiet taht procedura ta' rkupru u nhatar Dr Andrew Borg Cardona bhala kontrollur specjali.

Rat illi bi provvediment iehor tad-9 ta' Dicembru 2009, kien revokat *contrario imperio* d-digriet tad-29 ta' Ottubru 2007 u dan safejn is-socjeta` DI Limited kienet tpoggiet taht procedura ta' rkupru, gie ordnat l-istralc tal-istess socjeta` DI Limited u nhatar, wara li giet revokata l-hatra ta' kontrollur specjali, Dr Borg Cardona issa bhala stralcarju.

Rat id-Digriet taghha tad-19 ta' Awissu 2021;

Rat in-nota tal-istralcarju tad-19 ta' Ottubru 2021 u d-dokumenti hemmek annessi, permezz ta' liema rrisponda u ssodisfa dak kollu minnu mitlub bid-digriet hawn fuq riferit.

Rat l-atti kollha tal-procediment.

**Ikkunsidrat**:

Illi bin-nota tieghu tad-19 ta' Ottubru 2021, l-istralcarju spjega dettljatament ghaliex wara tant snin wieqfa (hu jsehhilha "in abeyance") dehrlu li kien zmien opportun jitlob l-eghluq tal-istralc de quo.

Fl-istess nota, li maghha hemm numru ta' dokumenti, jispjega illi fadal ammont ta' flus f'idejh *qua* stralcarju ta' ghaxar t'elef mija u sitt Euro u wiehed u hamsin centezmu (€10,106.51), liema ammont jirrizulta bilanc mill-ammont ta' erbatax il-elef, disa' mija u seba' Euros – ammont audited minn Awditur professjonali skond audited accounts sa tmien is-sena 2020, <u>neqsin</u> spejjes u drittijiet tal-istess Awditur u fees tal-MBR ghar-returns li jidher issa illi kollha gew sottomessi. Kollox jinsab dokumentat.

Fl-istess nota Dr Andrew Borg Cardona, filwaqt illi fakkar illi huwa kien originarjament mqabbad bhala kontrollur specjali b'rata ta' remunerazzjoni iffissata mill-Qorti fl-ammont ta' kwazi €3500 fix-xahar, ghall-perjodu ta' ghaxar xhur, meta l-attent ta' rkupru tal-kumpannija ma rnexxiex, l-inkarigu tieghu gie maqlub ghal wiehed ta' stralcarju. Huwa jispejga illi fil-kors ta' l-istralc ebda kreditur ma ressaq xi talba kontra l-kumpannija, u dan peress illi kulhadd kien konxju minn rapport ta' PWC li kien ikkonkluda illi l-kumpannija ghandu xorti ghandha bizzejjed biex jithallas l-istralcarju.

In ogni caso, l-istralc mexa kif kellu jimxi u jispejga illi bhal ma solitu jigri f'cirkostanzi bhal dawn, l-istralc inzamm *in abeyance* ghal diversi snin, talbiet ta' kreditu baqghu ma sarux u illum, ikun pacifiku jinghad illi fi kwalunkwe kaz, kwalsiasi pretensjoni li xi darba seta' kien hemm kontra l-kumpannija huma bil-wisq probabbli preskritti.

Fid-dawl ta' din l-ispjega dettaljata, l-istralcarju ddikjara illi huwa kien qieghed jirrinunzja ghad-drittijiet tieghu ghall-perjodu ta' meta kien appuntat kontrollur specjali (u jaghti rendikont qasir ta' xogholu f'dak il-perjodu) – ammontanti ghal kwazi hamsa u tletin elf Euro (€35,000) u talab lill-Qorti tikkonkludi dan l-istralc billi tawtorizza li l-fondi rimanenti fl-

ammont ta' ghaxar t'elef mija u sitt Euro u wiehed u hamsin centezmu (€10,106.51) imorru biex ikopru d-drittijiet tieghu *qua* stralcarju tal-kumpannija DI Limited (C-209096) – inkarigu ta' l-fuq minn tnax il-sena.

Il-Qorti tqis mhux biss sodisfacenti l-ispjega illi ta' l-istralcarju Dr Andrew Borg Cardona izda tqis ukoll accettabbli l-proposta illi qed jaghmel hu – ossia illi l-fondi rimanenti jmorru sabiex jithallas hu ta' xogholu matul dawn l-ahhar 12 il-sena, aktar u aktar meta rrinunzja ghad-dritt stabbilit ghas-servizzi minnhu rezi *qua* kontrollur specjali kif hawn fuq spjegat.

Rat l-verbal tal-ahhar udjenza tas-27 ta' Ottubru 2021 u qed tghaddi ghas-sehgwenti provvediment finali.

Il-Qorti qed:

Tiddikjara ruhha sodisfatta li l-istralcjarju osserva l-htigijiet kollha skond il-Kap 386 tal-Ligijiet ta`Malta;

Tqis li sar minn kollox min-naha tal-istralcarju sabiex jaqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tieghu skond il-ligi;

Tqis illi ma hemm xejn aktar ragjonevolment x'isir u b'hekk jista' jinghata l-provvediment finali;

Tqis li l-affarijiet tas-socjeta' huma stralcjati.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mharsa l-htigijiet kollha tal-ligi, qed tghaddi sabiex:

1. **Tapprova u tawtorizza** illi l-flejjes rimanenti f'idejn l-istralcjarju, fis-somma ta' ghaxar t'elef mija u sitt Euro u wiehed u hamsin centezmu (€10,106.51), jmorru sabiex l-istess stralcarju jithallas ta' xogholu *qua* stralcarju. Tenut kont iz-zmien twil illi ha dan l-istralc u kif ukoll ir-rinunzja tal-istess stralcajru ghad-drittijiet tieghu meta serva ta' kontrollur specjali f'dawn l-istess procedimenti, il-Qorti tqis din it-talba bhala tassew misthoqqa.

2. **Tehles** lill-istralcjarju mill-hatra tieghu.

3. **Tordna** lir-Registratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu.

4. **Tordna** li l-isem tal-kumpannija D.I. Limited (C-20906) jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

5. **Tordna** lir-Registratur tal-Qorti sabiex minnufieh jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija D.I. Limited (C-20906).

6. **Tordna** lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ihares dik l-ordni.

**Onor. Dr Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**